MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Rikors Numru. 2/2006/1

**Carmel (ID 936046M) u Maria Concetta (ID 1009147M) konjugi Mallia u Maria Mallia (ID 197953M)**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid

Illi l-esponenti flimkien u in solidum huma propretarji tal-fond numru 16, Triq Hanover, Bormla, liema proprjeta hija deskritta bhala “terran” b’garaxx maghha;

Illi huma gew notifikati permezz ta’ att gudizjarrju datat ghaxra (10) ta’ Jannar 2006 b’referenza ghall-Avviz tal-Gvern 255 ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta’ l-ghaxra

(10) ta' Marzu 2005 ghax-xiri assolut bhala libera u franka tal-fond numru 16, Triq Hanover, Bormla.

Illi l-Gvern ser jiehu permezz ta' espropriazzjoni dan il-fond.

Illi ghall-imsemmi fond, l-awtorita kompetenti qeghda toffri l-kumpens ta' hamest elef erba' mija u tmenin lira Maltija (Lm5,480) skond l-ittra ufficjali datata 10 ta' Jannar 2005.

Illi permezz tal-prezenti r-rikorrenti qeghdin jipprevalixxu ruhhom mill-21 gurnata sabiex jikkontestaw l-ammont tal-kumpens offrut fl-Avviz numru 255.

Illi l-kumpens indikat mhux gust u ekwu fic-cirkostanzi stante illi l-Perit Hector Zammit stima l-valur tal-proprjeta fl-amont ta' tnejn u ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin (Lm22,500) kif muri fid-dokument anness u mmarkat HZ 1 wara li ha in konsiderazzjoni il-lokazzjoni u l-prezz tas-suq fic-cirkostanzi prezenti.

Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jitolbu umilment lil dina l-Onorabbli Qorti tiffissa l-kumpens xieraq dovut bhala kumpens ghax-xiri assolut oltre imghax legali mid-data ta' espropriazzjoni a tenur tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll jekk ikun hemm bzonn ghall-hatra ta' periti nominati.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat Direttur tal-Artijiet li tghid:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 27 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrent oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-awtorita kompetenti ta' hamest elef erba' mija u tmenin Lira Maltin (Lm5,480), ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 16, triq Honover. Bormla u qeghdin jippretendu illi l-kumpens gust ghandu jkun dak ta' tnejn u ghoxrin elf u hames mitt Lira Maltin (Lm22,500).

Illi l-esponent qieghed jibqa' jsostni illi l-valur gust tal-fond huwa dak fuq citat, u cioe', l-ammont ta' hamest elef u erba' mija u tmenin Lira Maltin (Lm5,480), li huwa dak l-

ammont li gie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Marzu 2005 permezz ta' Avviz numru 255.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' hamest elef u erba' mija u tmenin Lira Maltin (Lm5,480), bhala l-kumpens gust ghall-espropriazzjoni tal-fond fuq imsemmi.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-Bord kien assenja bhala membri tieghu biex jassistuh lill-periti arkitetti l-AIC Joseph Briffa u AIC David Pace u li dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali ta' din is-sentenza.

Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b'mod unanimu hekk:

Huma ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet ta-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta) u partikolarment l-Artikoli 18 u 18A u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprjeta' ghandha tigi meqjusa bhala art fabrikabbli ghal-finijiet tal-Ligi, u li l-valur tal-istess proprjeta' urbana bhala libera u franka u kif deskritta fid-dokumenti esebiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' dsatax-il elf liri Maltin ekwivalenti ghal erba u erbghin elf mitejn tmienja u hamsin euro u ghaxar ewrocentezmi (Euro 44,258.10);

Il-Bord jilqa' talba tar-rikorrenti u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghat-trasferiment b'xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond urban numru 16, Triq Hanover, Bormla kif deskritt fl-avviz Numru 255 ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Marzu 2005, fl-ammont ta' erba u erbghin elf mitejn tmienja u hamsin euro u ghaxar ewrocentezmi (Euro 44,258.10) oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------